**MALTA**

**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR SIMONE GRECH LL.D.**

**Seduta tas-16 ta' Jannar 2019**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Giuseppe Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Giuseppe Camilleri** ta' 62 sena, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 449453(M), fejn gie akkuzat talli nhar l-14 ta' Frar 2016 u/jew fi granet ta' qabel, gewwa Salini, limiti tan-Naxxar:

i. Minghajr hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita' jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita' tieghu nnifisu, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun, jew fixkel lil Paolo Camilleri, fil-pussess ta' hwejgu, b' xi mod iehor, kontra l-ligi jew indahal fi hwejjeg ta' haddiehor.
ii. U aktar talli naqas li josserva jew jikser obbligazzjoni taht penali imposta fuqu minn ordni li nharget b' sentenza definittiva datata 18/1/2016 mahruga minn Magistrat Dr Saviour Demicoli LL.D, fejn il-Qorti kienet ipprovdiet ghas-sigurta' ta' Paola Camilleri u dan bi ksur tal-Artikolu 383 u 387 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija quddiem din il-Qorti kif diversament ippreseduta.

Semghet is-sottomissjonijiet finali.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 85, l-Artikolu 383 u l-Artikolu 387 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi akkwiziti jidher illi dak li wassal ghall-azzjoni odjerna kienet l-allegazzjoni li l-imputat kien harat ghalqa li kienet mizrugha minn Paolo Camilleri u kif ukoll kien ghalaq moghdija b' cint baxx b' gebel tas-sejjieh.

Mix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni, irrizulta li l-ghalqa in kwistjoni kienet f' idejn Paolo Camilleri u li din kienet mizrugha qamh u ful. Norbert Camilleri xehed li ra lill-imputat jahsad il-qamh fl-14 ta' Frar 2016.

Id-difiza ta' l-imputat hija li huwa qatt ma mar jahrat fil-gurnata tal-Hadd, b' referenza ghad-data tal-14 ta' Frar 2016. Madanakollu, l-imputazzjoni hekk kif mahruga tirreferi ghal 14 ta' Frar 2016 u/jew fil-granet ta' qabel, u ghalhekk tkopri granet immedjatament precedenti ghal 14 ta' Frar 2016 ukoll. In oltre, fix-xhieda moghtija minn Norbert Camilleri u minn Paolo Camilleri jirrizulta li d-data ta' l-incident kienet l-14 ta' Frar 2016.

Gie allegat ukoll mid-difiza li l-ghalqa in kwistjoni kienet fil-pussess ta' l-istess imputat u huwa sempliciment hadem u harat ir-raba' fil-pussess tieghu. Mill-atti processwali, irrizulta li xhur qabel precizament fis-16 ta' Novembru 2015 (Vide Dok PJ 1), l-istess imputat kien interpella lil Paolo Camilleri sabiex jizgombra u jivvaka minn din ir-raba'. Ghal kuntrarju ta' dak allegat mill-imputat, Paolo Camilleri, Norbert Camilleri u Emanuel Camilleri lkoll xehdu li din l-ghalqa kienet ghadha fil-pussess ta' Paolo Camilleri u li dan kien zeraghha qamh u ful, sakemm imbaghad instabet mahruta.

Gie allegat mill-imputat li huwa jhallas qbiela fir-rigward ta' din ir-raba' u ghalhekk huwa ghandu dritt li jahdem l-istess raba'. Apparti li l-ebda rcevuti ma gew ipprezentati fl-atti ta' din il-kawza, kif intqal diversi drabi, dak li jrid jigi ippruvat ghall-finijiet tar-reat ta' ragion fattasi hu li l-imputat, biex jezercita dritt li hu jippretendi li ghandu, fixkel lil haddiehor fil-pussess ta' hwejjgu. Ghandux jew le verament dritt skond il-ligi civili hi haga li tigi determinata mhux mill-Qorti ta' gurisdizzjoni kriminali izda minn qorti ohra.

Fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali u wara li rat l-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta' l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Dwar it-tieni imputazzjoni, giet pprezentata vera kopja ta' obbligazzjoni maghmula minn Giuseppe Camilleri fit-18 ta' Jannar 2016 fejn dan obbliga ruhu li bl-ebda mod ma jimmolesta lil Paolo Camilleri fost persuni ohra (Vide Doc EC1). Madanakollu, it-tieni imputazzjoni mressqa kontra l-imputat taghmel referenza ghal sentenza definitiva datata 18 ta' Jannar 2016 mill-Magistrat Saviour Demicoli, sentenza li ma gietx ezebita f' dawn l-atti. In oltre, fl-istess imputazzjoni hemm zball stante li l-isem ta' Paolo Camilleri gie mnizzel bhala Paola Camilleri. Il-Qorti ma tqisx li l-Prosekuzzjoni ppruvat din it-tieni imputazzjoni.

**Decide**

**Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali u wara li rat l-artikoli 85, 383 u 387 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni izda ssibu hati ta' l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ihallas multa ta' mitt Ewro (€100).**

| | |
|---|---|
| **Dr Simone Grech LL.D.** | **Karen Falzon** |
| **Magistrat** | **Deputat Registratur** |